ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 48

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 54

23 ta' Frar 2011

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali** ([1]) ..... 1

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 165/2011 tat-22 ta' Frar 2011 li jipprovdi għal tnaqqis minn ċerti kwoti tal-kavalli allokati lil Spanja għall-2011 u fis-snin sussegwenti minħabba s-sajd żejjed fl-2010** ..... 11

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 166/2011 tat-22 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..... 14

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: EUR 3**

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2011/121/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Frar 2011 li tistabbilixxi l-miri ta' prestazzjoni u l-limiti ta' twissija għall-Unjoni Ewropea kollha għall-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru mill-2012 sal-2014** ([1]) ........ 16

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2011/7/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tas-16 ta' Frar 2011**

**dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali**

**(tfassil mill-ġdid)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Europea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja [2],

Billi:

(1) Għadd ta' bidliet sostanzjali jridu jsiru fid-Direttiva 2000/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar il-ġlieda kontra ħlasijiet tard fi transazzjonijiet kummerċjali [3]. Huwa mixtieq, għal raġunijiet ta' ċarezza u razzjonalizzazzjoni, li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni jitfasslu mill-ġdid.

(2) Il-biċċa l-kbira tal-prodotti u s-servizzi jiġu fornuti fi ħdan is-suq intern minn operaturi ekonomiċi lil operaturi ekonomiċi oħra u lil awtoritajiet pubbliċi fuq bażi ta' ħlas iddifferit b'mod li l-fornitur jagħti lill-klijent tiegħu ċans li jħallas il-fattura, kif miftiehem bejn il-partijiet, kif stabbilit fil-fattura tal-fornitur jew kif stipulat fil-liġi.

(3) Ħafna mill-ħlasijiet fi transazzjonijiet kummerċjali bejn operaturi ekonomiċi jew bejn operaturi ekonomiċi u awtoritajiet pubbliċi jsiru aktar tard milli jkun miftiehem fil-kuntratt jew milli jkun stipulat fil-kondizzjonijiet ġenerali kummerċjali. Għalkemm il-prodotti jiġu fornuti jew is-servizzi jseħħu, ħafna mill-fatturi korrispondenti jitħallsu ħafna wara l-iskadenza. Dan il-ħlas tard iħalli effett negattiv fuq il-likwidità u jikkomplika l-ġestjoni finanzjarja tal-intrapriżi. Iħalli effett ukoll fuq il-kompetittività u l-kapaċità ta' profitt tagħhom meta l-kreditur ikollu ħtieġa jikseb finanzjament estern minħabba ħlas tard. Ir-riskju ta' dawn l-effetti negattivi jiżdied ħafna f'perjodi ta' kriżi ekonomika meta l-aċċess għall-finanzjament huwa aktar diffiċli.

(4) Diġà jistgħu jsiru talbiet ġudizzjarji marbuta ma' ħlas tard permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [4], ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati [5], ir-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea [6] u r-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar [7]. Iżda, biex jiġi skuraġġut il-ħlas tard fit-transazzjonijiet kummerċjali, jeħtieġ li jiġu stipulati dispożizzjonijiet komplimentari.

(5) L-intrapriżi għandhom ikunu jistgħu jinnegozjaw fis-suq intern kollu taħt kondizzjonijiet li jiżguraw li operazzjonijiet transkonfini ma jinvolvux riskji akbar mill-bejgħ domestiku. Jirriżultaw distorsjonijiet tal-kompetizzjoni jekk japplikaw regoli sostanzjalment differenti għall-operazzjonijiet domestiċi u dawk transkonfini.

[1] ĠU C 255, 22.9.2010, p. 42.
[2] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Jannar 2011.
[3] ĠU L 200, 8.8.2000, p. 35.
[4] ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.
[5] ĠU L 143, 30.4.2004, p. 15.
[6] ĠU L 399, 30.12.2006, p. 1.
[7] ĠU L 199, 31.7.2007, p. 1.

(6) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-25 ta' Ġunju 2008 intitolata " 'Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir' - 'Att dwar in-Negozji żŻgħar' għall-Ewropa", il-Kummissjoni enfasizzat li għandu jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għall-finanzjamenti u li għandu jiġi żviluppat ambjent legali u kummerċjali li jkun ta' appoġġ biex il-ħlasijiet isiru fil-ħin fit-transazzjonijiet kummerċjali. Wieħed għandu jinnota li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom responsabilità speċjali f'dan ir-rigward. Il-kriterji għad-definizzjoni ta' SMEs huma stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar it-tifsira ta' mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ([1]).

(7) Waħda mill-azzjonijiet ta' prijorità tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2008 intitolata "Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku" hija t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u l-promozzjoni tal-imprenditorjat billi, fost l-oħrajn, jiġi żgurat li, bħala kwistjoni ta' prinċipju, il-fatturi, inklużi lill-SMEs, għal provvisti u servizzi jitħallsu fi żmien xahar biex jittaffew il-limitazzjonijiet tal-likwidità.

(8) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandu jkun limitat għall-ħlasijiet magħmula bħala remunerazzjoni għal transazzjonijiet kummerċjali. Din id-Direttiva ma għandhiex tirregola transazzjonijiet mal-konsumaturi, imgħax b'konnessjoni ma' ħlasijiet oħra, per eżempju ħlasijiet taħt il-liġijiet dwar ċekkijiet u kambjali, jew ħlasijiet magħmula bħala kumpens għall-danni inklużi ħlasijiet minn kumpaniji ta' assigurazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jeskludu djun li huma soġġetti għall-proċedimenti ta' insolvenza, inklużi proċedimenti mmirati lejn ir-ristrutturar ta' dejn.

(9) Din id-Direttiva għandha tirregola t-transazzjonijiet kummerċjali kollha irrispettivament jekk jitwettqux bejn intrapriżi privati jew pubbliċi jew bejn intrapriżi privati u awtoritajiet pubbliċi, ladarba l-awtoritajiet pubbliċi jittrattaw volum konsiderevoli ta' ħlasijiet lill-intrapriżi. Għandha għalhekk tirregola wkoll it-transazzjonijiet kummerċjali kollha bejn il-kuntratturi ewlenin u l-fornituri u s-sottokuntratturi tagħhom.

(10) Il-fatt li l-professjonijiet liberali huma koperti b'din id-Direttiva m'għandux jobbliga lill-Istati Membri biex jittrattawhom bħala intrapriżi jew negozjanti għall-għanijiet barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(11) Il-forniment ta' prodotti u l-provvista ta' servizzi għal remunerazzjoni li għalihom tapplika din id-Direttiva għandhom jinkludu wkoll it-tfassil u t-twettiq ta' xogħlijiet pubbliċi u xogħlijiet ta' bini u inġinerija ċivili.

(12) Ħlas tard jikkostitwixxi ksur ta' kuntratt li sar finanzjarjament attraenti għad-debituri fil-parti l-kbira tal-Istati Membri minħabba li fuq ħlasijiet tard jintalbu rati baxxi ta' mgħax jew l-ebda mgħax u/jew li l-proċeduri ta' rimedju jieħdu wisq żmien. Jeħtieġ tibdil deċiżiv lejn kultura ta' ħlas fil-ħin, inkluż dik fejn l-esklużjoni tad-dritt li jintalab imgħax għandha dejjem titqies bħala kondizzjoni jew prassi kuntrattwali inġusta għall-aħħar biex titreġġa' lura din it-tendenza u jiġi skoraġġit il-ħlas tard. Tali tibdil għandu jinkludi wkoll l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-perjodi ta' ħlas u dwar il-kumpens tal-kredituri għall-ispejjeż imġarrba, u, fost l-oħrajn, li l-esklużjoni tad-dritt għall-kumpens għall-ispejjeż tal-irkupru għandha titqies bħala inġusta għall-aħħar.

(13) Għaldaqstant, għandu jiġi previst li l-perjodi ta' ħlas ta' kuntratti bejn negozju u ieħor, bħala regola ġenerali, jiġu limitati għal 60 jum kalendarju. Madankollu, jista' jkun hemm ċirkustanzi fejn l-intrapriżi jirrikjedu perjodi ta' ħlas aktar estensivi, pereżempju meta l-intrapriżi jixtiequ jagħtu kreditu kummerċjali lill-klijenti tagħhom. Għandu għalhekk jibqa' possibbli li l-partijiet jiftehmu espliċitament dwar perjodi ta' ħlas itwal minn 60 jum kalendarju, sakemm, madankollu, estensjoni ta' dan it-tip ma tkunx inġusta għall-aħħar għall-kreditur.

(14) Fl-interess tal-konsistenza tal-leġislazzjoni tal-Unjoni, id-definizzjoni ta' "awtoritajiet kontraenti" fid-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali ([2]) u fid-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi ([3]) għandha tapplika għall-għanijiet ta' din id-Direttiva.

(15) L-imgħax statutorju dovut għal ħlas tard għandu jitkejjel fuq bażi ta' kull jum bħala mgħax sempliċi, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien ([4]).

(16) Din id-Direttiva m'għandhiex tobbliga lil kreditur jitlob imgħax għal ħlas tard. Fil-każ ta' ħlas tard, din id-Direttiva għandha tippermetti li kreditur jitlob imgħax għal ħlas tard mingħajr ma jagħti ebda avviż minn qabel ta' nuqqas ta' prestazzjoni jew avviż simili ieħor li jfakkar lid-debitur dwar l-obbligu tiegħu li jħallas.

(17) Il-ħlas ta' debitur għandu jitqies bħala ħlas tard, għall-għanijiet ta' intitolament għal imgħax għal ħlas tard, meta l-kreditur ma jkollux is-somma dovuta għad-dispożizzjoni tiegħu fid-data miftehma sakemm ikun wettaq l-obbligi legali u kuntrattwali tiegħu.

([1]) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

([2]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1.

([3]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.

([4]) ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1.

(18) Il-fatturi jattivaw talbiet għal ħlas u huma dokumenti importanti fil-katina ta' valur tat-transazzjonijiet għall-provvista ta' prodotti u servizzi, fost l-oħrajn biex jiġu stabbiliti l-iskadenzi għall-ħlas. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jippromwovu sistemi li jagħtu ċertezza legali fir-rigward tad-data eżatta meta d-debituri jirċievu l-fatturi, inkluż fil-qasam tal-fatturazzjoni elettronika fejn il-wasla tal-fatturi tista' tiġġenera evidenza elettronika u li hija parzjalment regolata mid-dispożizzjonijiet dwar il-fatturazzjoni li jinsabu fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]).

(19) Jeħtieġ kumpens ġust tal-kredituri għall-ispejjeż ta' rkupru mġarrba minħabba ħlas tard biex jiġi skoraġġit il-ħlas tard. L-ispejjeż ta' rkupru għandhom ukoll jinkludu l-irkupru ta' spejjeż amministrattivi u kumpens għal spejjeż interni mġarrba minħabba ħlas tard li għalih din id-Direttiva għandha tiddetermina somma minima stabbilita li tista' tingħadd mal-imgħax għall-ħlas tard. Il-kumpens fil-forma ta' somma stabbilita għandu jkun immirat lejn it-trażżin tal-ispejjeż amministrattivi u interni marbuta mal-irkupru. Kumpens biex jiġu rkuprati l-ispejjeż għandu jkun determinat bla ħsara għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li bis-saħħa tagħhom qorti nazzjonali tista' tagħti kumpens lill-kreditur għal kwalunkwe ħsara addizzjonali rigward ħlas tard tad-debitur.

(20) Minbarra li jkunu intitolati għal ħlas ta' somma stabbilita biex ikopru l-ispejjeż interni ta' rkupru, il-kredituri għandhom ukoll ikunu intitolati għal rimborż tal-ispejjeż l-oħra ta' rkupru li jġarrbu minħabba ħlas tard minn debitur. Spejjeż ta' dan it-tip għandhom jnkludu, b'mod partikolari, dawk l-ispejjeż imġarrba mill-kredituri biex iqabbdu avukat jew inkella aġenzija tal-ġbir tad-djun.

(21) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jipprovdu għal somom stabbiliti għall-kumpens tal-ispejjeż ta' rkupru li jkunu ogħla u għaldaqstant aktar favorevoli għall-kreditu, jew li jżidu dawk is-sommom, fost l-oħrajn biex iżommu mar-rata tal-inflazzjoni.

(22) Din id-Direttiva m'għandhiex tipprevjeni l-ħlasijiet bin-nifs jew il-pagamenti maqsuma. Madankollu, kull ħlas bin-nifs jew pagament għandu jitħallas skont il-kondizzjonijiet miftehma u għandu jkun soġġett għar-regoli dwar il-ħlas tard stipulati f'din id-Direttiva.

(23) Bħala regola ġenerali, l-awtoritajiet pubbliċi jibbenefikaw minn flussi ta' dħul aktar żguri, prevedibbli u kontinwi mill-intrapriżi. Barra minn hekk, ħafna awtoritajiet pubbliċi jistgħu jiksbu finanzjament b'kondizzjonijiet aktar attraenti mill-intrapriżi. Fl-istess ħin, l-awtoritajiet pubbliċi jiddependu inqas mill-intrapriżi privati fuq il-bini ta' relazzjonijiet kummerċjali stabbli biex jiksbu l-objettivi tagħhom. Il-perjodi twal għall-ħlas u l-ħlas tard mill-awtoritajiet pubbliċi għall-prodotti u s-servizzi jwasslu għal spejjeż mhux ġustifikati għall-intrapriżi. Huwa għalhekk xieraq li jiġu introdotti regoli speċifiċi fir-rigward tat-transazzjonijiet kummerċjali għall-provvista ta' prodotti jew servizzi minn intrapriżi lill-awtoritajiet pubbliċi, li għandhom jipprevedu b'mod partikolari perjodi għall-ħlas li normalment ma jaqbżux it-30 jum kalendarju, sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor espliċitament fil-kuntratt u sakemm ikun oġġettivament iġġustifkat meta jitqiesu n-natura jew il-karatteristiki partikulari tal-kuntratt u fl-ebda każ ma għandhom jaqbżu s-60 jum kalendarju.

(24) Madankollu, għandha titqies is-sitwazzjoni speċifika tal-awtoritajiet pubbliċi li jwettqu attivitajiet ekonomiċi ta' natura industrijali jew kummerċjali billi joffru prodotti jew servizzi fis-suq bħala intrapriża pubblika. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jitħallew, taħt ċerti kondizzjonijiet, jestendu l-perjodu ta' ħlas statutorju għal mhux aktar minn 60 jum kalendarju.

(25) Kawża partikolari għal tħassib b'rabta mal-ħlasijiet tard hija s-sitwazzjoni tas-servizzi tas-saħħa f'numru kbir ta' Stati Membri. Is-sistemi għall-kura tas-saħħa, bħala parti fundamentali tal-infrastruttura soċjali tal-Ewropa, ta' spiss huma obbligati jirrikonċiljaw bżonnijiet indiviwali mal-finanzi disponibbli, peress li l-popolazzjoni tal-Ewropa qed tixjieħ, l-istennijiet jogħlew u l-mediċina tavvanza. Is-sistemi kollha għandhom jitrattaw l-isfida li jagħtu prijorità lill-kura tas-saħħa b'mod li jibbilanċja l-bżonnijiet ta' pazjenti individwali mar-riżorsi finanzjarji. L-Istati Membri għandhom għalhekk ikunu jistgħu jagħtu ċertu ammont ta' flessibilità lill-entitajiet pubbliċi li jipprovdu servizzi ta' kura tas-saħħa biex jissodisfaw l-impenji tagħhom. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jitħallew, taħt ċerti kondizzjonijiet, jestendu l-perjodu ta' ħlas statutorju sa massimu ta' 60 jum kalendarju. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jiżguraw li l-ħlasijiet fis-settur tal-kura tas-saħħa jsiru fil-perjodi tal-ħlas statutorji.

(26) Sabiex ma tiġix ipperikolata l-kisba tal-objettiv ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fit-transazzjonijiet kummerċjali, proċedura ta' aċċettazzjoni jew verifika m'għandhiex iddum iktar minn 30 jum kalendarju, bħala regola ġenerali. Madankollu, għandu jkun possibbli li proċedura ta' verifika taqbeż it-30 jum kalendarju, pereżempju fil-każ ta' kuntratti partikolarment kumplessi, meta miftiehem espliċitament fil-kuntratt u fi kwalunkwe dokumenti relatati ma' sejħa għall-offerti u jekk ma jkunx inġust għall-aħħar għall-kreditur.

(27) L-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea qegħdin f'qagħda li tista' titqabbel ma' dik tal-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mar-relazzjonijiet ta' finanzjament u kummerċjali tagħhom. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]) jispeċifika li l-validazzjoni, l-awtorizzazzjoni u l-ħlas

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

tal-infieq mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jridu jitlestew fil-limiti tal-iskadenzi stipulati fir-regoli implimentattivi tiegħu. Dawn ir-regoli implimentattivi huma attwalment stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1] u jispeċifikaw iċ-ċirkustanzi meta kredituri li jitħallsu tard ikunu intitolati li jirċievu mgħax. Fil-kuntest tar-reviżjoni li qed issir ta' dawn ir-Regolamenti, għandu jiġi żgurat li l-limiti ta' żmien massimi għall-ħlas mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jiġu allinjati mal-perjodi statutorji applikabbli għall-awtoritajiet pubbliċi b'mod konformi ma' din id-Direttiva.

(28) Din id-Direttiva għandha tipprojbixxi l-abbuż tal-libertà tal-kuntratti għall-iżvantaġġ tal-kreditur. Bħala riżultat, meta kondizzjoni f'kuntratt jew prassi relatat mad-data jew il-perjodu għall-ħlas, ir-rata ta' mgħax għall-ħlas tard jew il-kumpens għall-ispejjeż ta' rkupru ma jkunx ġustifikat fuq il-bażi tal-kondizzjonijiet mogħtija lid-debitur, jew iservi prinċipalment għall-għan li jikseb liwidità addizzjonali għad-debitur għad-detriment tal-kreditur, jista' jitqies li jikkostitwixxi abbuż ta' dan it-tip. Għal dak il-għan, u b'mod konformi mal-"Abbozz ta' Qafas ta' Referenza Komuni" akkademiku, kwalunkwe kondizzjoni jew prassi kuntrattwali li tiddevja għall-aħħar mill-prassi kummerċjali tajba u hija kuntrarja għall-bona fide u n-negozjar ġust għandha titqies inġusta għall-kreditur. B'mod partikulari, jekk id-dritt li jintalab imgħax jiġi kompletament eskluż, din għandha dejjem tiġi kkunsidrata bħala inġusta għall-aħħar, waqt li jekk id-dritt għal kumpens għall-ispejjeż ta' rkupru jiġi eskluż, din għandha titqies bħala inġusta għall-aħħar. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa d-dispożizzjonijiet nazzjonali marbuta mal-mod kif il-kuntratti jiġu konklużi jew li jirregolaw il-validità ta' kondizzjonijiet kuntrattwali li huma inġusti għad-debitur.

(29) Fil-kuntest tal-isforzi imsaħħa għall-prevenzjoni tal-abbuż tal-libertà kuntrattwali għad-detriment tal-kredituri, l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti uffiċjalment bħala li jirrappreżentaw lill-intrapriżi u l-organizzazzjonijiet b'interess leġittimu fir-rappreżentanza tal-intrapriżi għandhom ikunu jistgħu jieħdu azzjoni quddiem il-qrati nazzjonali jew il-korpi amministrattivi sabiex jipprevjenu t-tkomplija tal-użu ta' kondizzjonijiet jew prassi kuntrattwali li huma inġusti għall-aħħar għall-kreditur.

(30) Sabiex jikkontribwixxu biex jinkiseb l-objettiv ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom irawmu t-tixrid ta' prassi tajba, anke billi jheġġu l-pubblikazzjoni ta' lista ta' dawk li jħallsu fil-ħin.

(31) Huwa mixtieq li jiġi żgurat li l-kredituri jkunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw klawżola ta' ritenzjoni ta' titlu fuq bażi mhux diskriminatorja fl-Unjoni kollha, jekk il-klawżola tar-ritenzjoni tat-titlu hija valida skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli speċifikati mil-leġislazzjoni privata internazzjonali.

(32) Din id-Direttiva tiddefinixxi biss l-espressjoni "titlu infurzabbli" iżda m' għandhiex tirregola l-proċeduri varji għall-eżekuzzjoni furzata ta' dan it-titlu jew il-kondizzjonijiet li bihom l-eżekuzzjoni furzata ta' dan it-titolu jista' tiġi mwaqqfa jew sospiża.

(33) Il-konsegwenzi ta' ħlas tard jistgħu jkunu dissważivi biss jekk ikunu akkumpanjati minn proċeduri għal rimedju li huma rapidi u effettivi għall-kreditur. B'konformità mal-prinċipju ta' ebda diskriminazzjoni li jinsab fl-Artikolu 18 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawk il-proċeduri għandhom ikunu disponibbli għall-kredituri kollha li huma stabbiliti fl-Unjoni.

(34) Sabiex jiffaċilitaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-partijiet biex jirrikorru għall-medjazzjoni jew għal mezzi oħrajn ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwimiet. Id-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali [2] diġà tistabbilixxi qafas għas-sistemi ta' medjazzjoni fil-livell tal-Unjoni, speċjalment għat-tilwim transkonfini, mingħajr ma tipprevjeni l-applikazzjoni tagħha għal sistemi ta' medjazzjoni interna. L-Istati Membri għandhom jikoraġġixxu wkoll lill-partijiet interessati jfasslu kodiċijiet ta' kondotta volontarji mmirati biex, b'mod partikulari, jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

(35) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-proċeduri ta' rkupru għal talbiet mhux ikkontestati marbuta ma' ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali jiġu mitmuma f'perjodu qasir ta' żmien, anke permezz ta' proċedura mgħaġġla u irrispettivament mill-ammont tad-dejn.

(36) Peress li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-ġlieda kontra ħlas tard fis-suq intern, ma jistgħax jinkiseb biżżejjed mill-Istati Membri u jista', għalhekk, minħabba l-iskala u l-effett tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma teċċedix dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

(37) L-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali għandu għalhekk ikun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostantiva meta mqabblin mad-Direttiva 2000/35/KE. L-obbligu li jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet li ma nbidlux ġej minn dik id-Direttiva.

(38) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/35/KE.

(1) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

(2) ĠU L 136, 24.5.2008, p. 3.

(39) F'konformità mal-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar ir-regolamentazzjoni aħjar [1], l-Istati Membri huma mħeġġa biex ifasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Unjoni, it-tabelli proprji tagħhom, li, sa fejn ikun possibbli, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, u jagħmluhom pubbliċi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. L-għan ta' din id-Direttiva hu l-ġlieda kontra l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament kif suppost tas-suq intern, biex b'hekk titrawwem il-kompetittività tal-intrapriżi u, b'mod partikulari, tal-SMEs.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-ħlasijiet kollha magħmula bħala remunerazzjoni għal transazzjonijiet kummerċjali.

3. L-Istati Membri jistgħu jeskludu djun li huma soġġetti ta' proċedimenti ta' insolvenza istitwiti kontra d-debitur, inklużi proċedimenti mmirati lejn ir-ristrutturar tad-dejn.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "transazzjonijiet kummerċjali" tfisser transazzjonijiet bejn l-intrapriżi jew bejn l-intrapriżi u l-awtoritajiet pubbliċi li jwasslu għall-forniment ta' prodotti jew il-provvista ta' servizzi għar-remunerazzjoni;

(2) "awtorità pubblika" tfisser kull awtorità kontraenti, kif definita fil-punt (a) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2004/17/KE u fl-Artikolu 1(9) tad-Direttiva 2004/18/KE, indipendentement mis-suġġett jew il-valur tal-kuntratt;

(3) "intrapriża" tfisser kull organizzazzjoni, għajr awtorità pubblika, li taġixxi fil-kors tal-attività ekonomika jew professjonali indipendenti tagħha, anke meta dik l-attività titwettaq minn persuna waħda;

(4) "ħlas tard" tfisser ħlas li ma jsirx fil-perjodu ta' ħlas kuntrattwali jew statutorju u fejn il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 4(1) jiġu sodisfatti;

(5) "imgħax għal ħlas tard" tfisser imgħax statutorju għal ħlas tard jew imgħax b'rata miftehma bejn l-intrapriżi, soġġett għall-Artikolu 7;

(6) "imgħax statutorju għal ħlas tard" tfisser imgħax sempliċi għal ħlas tard b'rata li hija ekwivalenti għas-somma tar-rata ta' referenza u mill-inqas tmien punti perċentwali;

(7) "rata ta' referenza" tfisser waħda minn dawn li ġejjin:

(a) għal Stat Membru li l-valuta tiegħu hija l-euro, jew:

(i) ir-rata ta' mgħax applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew lill-operazzjonijiet ewlenin ta' finanzjar mill-ġdid l-aktar reċenti tiegħu; jew

(ii) ir-rata ta' mgħax marġinali li tirriżulta minn proċeduri ta' sejħiet għal offerti b'rata varjabbli għall-operazzjonijiet ewlenin ta' finanzjar mill-ġdid l-aktar reċenti tal-Bank Ċentrali Ewropew;

(b) għal Stat Membru li l-valuta tiegħu mhix l-euro, ir-rata ekwivalenti stabbilita mill-bank ċentrali nazzjonali tiegħu;

(8) "ammont dovut" tfisser is-somma prinċipali li għandha tkun tħallset fil-perjodu ta' ħlas kuntrattwali jew statutorju, inklużi t-taxxi, dazji, imposti jew miżati speċifikati fil-fattura jew talba għal ħlas ekwivalenti;

(9) "ritenzjoni ta' titlu" tfisser il-ftehim kuntrattwali skont liema l-bejjiegħ iżomm it-titlu tal-oġġetti kkonċernati sakemm ikun tħallas il-prezz sħiħ;

(10) "titlu infurzabbli" tfisser kull deċiżjoni, sentenza jew ordni għall-ħlas maħruġin minn qorti jew awtorità kompetenti oħra, inklużi dawk li jistgħu jiġu infurzati b'mod provviżorju, sew għall-ħlas immedjat u sew għall-ħlas bin-nifs, li jippermettu li t-talba tal-kreditur kontra d-debitur tinġabar permezz ta' eżekuzzjoni furzata.

*Artikolu 3*

**Transazzjonijiet bejn intrapriżi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fit-transazzjonijiet kummerċjali bejn l-intrapriżi, il-kreditur huwa intitolat għall-imgħax fil-każ ta' ħlas tard mingħajr il-bżonn ta' tfakkira meta l-kondizzjonijiet li ġejjin huma sodisfatti:

(a) il-kreditur ikun wettaq l-obbligi kuntrattwali u legali tiegħu; kif ukoll

(b) il-kreditur ma jkunx irċieva l-ammont dovut fil-ħin u d-debitur ikun responsabbli għad-dewmien.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rata ta' referenza applikabbli:

(a) għall-ewwel semestru tas-sena kkonċernata għandha tkun ir-rata fis-seħħ mill-1 ta' Jannar ta' dik is-sena;

(b) għat-tieni semestru tas-sena kkonċernata għandha tkun ir-rata fis-seħħ fl-1 ta' Lulju ta' dik is-sena.

3. Fejn il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ikunu sodisfatti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw dan li ġej:

(a) li l-kreditur hu intitolat għal imgħax għall-ħlas tard mill-għada tad-data jew it-tmiem tal-perjodu għall-ħlas stabbilit fil-kuntratt;

(b) fejn id-data jew il-perjodu għall-ħlas ma jkunux stabbiliti fil-kuntratt, li l-kreditur hu intitolat għall-imgħax għall-ħlas tard malli jiskadi kwalunkwe wieħed minn dawn il-limiti ta' żmien:

(i) 30 jum kalendarju wara d-data meta d-debitur jirċievi l-fattura jew talba ekwivalenti għall-ħlas;

[1] ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

(ii) fejn id-data meta tasal il-fattura jew it-talba ekwivalenti għall-ħlas tkun inċerta, 30 jum kalendarju wara d-data meta d-debitur jirċievi l-prodotti jew is-servizzi;

(iii) fejn id-debitur jirċievi l-fattura jew it-talba ekwivalenti għall-ħlas qabel il-prodotti jew is-servizzi, 30 jum kalendarju wara d-data li fiha jirċievi l-prodotti jew is-servizzi;

(iv) fejn proċedura ta' aċċettazzjoni jew verifika, li permezz tagħha għandha tiġi aċċertata l-konformità tal-prodotti jew servizzi mal-kuntratt, hija prevista statutorjament jew kuntrattwalment u jekk id-debitur jirċievi l-fattura jew talba għall-ħlas ekwivalenti qabel jew fid-data li fiha sseħħ dik l-aċċettazzjoni jew verifika, 30 jum kalendarju wara dik id-data.

4. Fejn proċedura ta' aċċettazzjoni jew verifika, li permezz tagħha għandha tiġi aċċertata l-konformità tal-prodotti jew servizzi mal-kuntratt, hija prevista, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tul massimu ta' żmien ta' dik il-proċedura ma jaqbiżx it-30 jum kalendarju mid-data meta jaslu l-prodotti jew is-servizzi, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor b'mod espliċitu fil-kuntratt u sakemm dan ma jkunx inġust għall-aħħar għall-kreditur fit-tifsira tal-Artikolu 7.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-perjodu għall-ħlas stabbilit fil-kuntratt ma jaqbiżx is-60 jum kalendarju, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor b'mod espliċitu fil-kuntratt u sakemm dan ma jkunx inġust għall-aħħar għall-kreditur fit-tifsira tal-Artikolu 7.

*Artikolu 4*

**Transazzjonijiet bejn intrapriżi u awtoritajiet pubbliċi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fi transazzjonijiet kummerċjali fejn id-debitur ikun awtorità pubblika, malli jiskadi l-perjodu msemmi fil-paragrafi 3, 4 jew 6, il-kreditur ikun intitolat, mingħajr bżonn ta' tfakkira, għall-imgħax statutorju għall-ħlas tard, meta l-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) il-kreditur issodisfa l-obbligi kuntrattwali u legali tiegħu; u

(b) il-kreditur ma rċeviex l-ammont dovut fil-ħin, sakemm id-debitur ma jkunx responsabbli għad-dewmien.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rata ta' referenza applikabbli:

(a) għall-ewwel semestru tas-sena kkonċernata għandha tkun ir-rata fis-seħħ mill-1 ta' Jannar ta' dik is-sena;

(b) għat-tieni semestru tas-sena kkonċernata għandha tkun ir-rata fis-seħħ fl-1 ta' Lulju ta' dik is-sena.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fi transazzjonijiet kummerċjali fejn id-debitur ikun awtorità pubblika:

(a) il-perjodu ta' ħlas ma jaqbeż l-ebda wieħed mil-limiti ta' żmien li ġejjin:

(i) 30 jum kalendarju wara d-data meta d-debitur jirċievi l-fattura jew talba ekwivalenti għall-ħlas;

(ii) fejn id-data meta tasal il-fattura jew it-talba ekwivalenti għall-ħlas tkun inċerta, 30 jum kalendarju wara d-data meta d-debitur jirċievi l-prodotti jew is-servizzi;

(iii) fejn id-debitur jirċievi l-fattura jew it-talba ekwivalenti għall-ħlas qabel il-prodotti jew is-servizzi, 30 jum kalendarju wara d-data li fiha jirċievi l-prodotti jew is-servizzi;

(iv) fejn proċedura ta' aċċettazzjoni jew verifika, li permezz tagħha trid tiġi aċċertata l-konformità tal-prodotti jew servizzi mal-kuntratt, hija prevista statutorjament jew kuntrattwalment u jekk id-debitur jirċievi l-fattura jew talba għall-ħlas ekwivalenti qabel jew fid-data li fiha sseħħ dik l-aċċettazzjoni jew verifika, 30 jum kalendarju wara dik id-data;

(b) id-data meta tasal il-fattura mhijiex soġġetta għal ftehim kuntrattwali bejn id-debitur u l-kreditur.

4. L-Istati Membri jistgħu jestendu l-limiti ta' żmien imsemmijin fil-punt (a) tal-paragrafu 2 għal massimu ta' 60 jum kalendarju għal:

(a) kull awtorità pubblika li twettaq attivitajiet ekonomiċi ta' natura industrijali jew kummerċjali billi toffri prodotti jew servizzi fis-suq u li, bħala intrapriża pubblika, hi soġġetta għar-rekwiżiti ta' trasparenza stipulati fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE tas-16 ta' Novembru 2006 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja fi ħdan ċerti impriżi [1];

(b) l-entitajiet pubbliċi li jipprovdu servizz ta' kura tas-saħħa li huma rikonoxxuti kif jixraq għal dak il-għan.

Jekk Stat Membru jiddeċiedi li jestendi l-limiti ta' żmien b'mod konformi ma' dan il-paragrafu, għandu jibgħat rapport dwar tali estensjoni lill-Kummissjoni sas-16 ta' Marzu 2018.

Abbażi ta' dak, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jindika liema Stati Membri estendew il-limiti ta' żmien b'mod konformi ma' dan il-paragrafu u waqt li jitqies l-impatt fuq il-funzjonament tas-suq intern, b'mod partikulari fuq l-SMEs. Dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat bi kwalunkwe proposta leġislattiva xierqa.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tul massimu ta' proċedura ta' aċċettazzjoni jew verifika msemmija fil-punt (iv) tal-punt (a) tal-paragrafu 3 ma jaqbiżx it-30 jum kalendarju mid-data meta jaslu l-prodotti jew is-servizzi, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor b'mod espliċitu fil-kuntratt u kull dokumenti relatati ma' sejħa għall-offerti u sakemm dan ma jkunx inġust għall-aħħar għall-kreditur fit-tifsira tal-Artikolu 7.

[1] ĠU L 318, 17.11.2006, p. 17.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-perjodu ta' ħlas stipulat fil-kuntratt ma jaqbiżx il-limiti ta' żmien stipulati fil-paragrafu 3, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor b'mod espliċitu fil-kuntratt u sakemm ikun iġġustifikat oġġettivament fid-dawl tan-natura jew tal-karatteristiki partikulari tal-kuntratt, u li fl-ebda każ m'għandu jaqbeż is-60 jum kalendarju.

*Artikolu 5*

**Skedi ta' ħlas**

Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-kapaċità tal-partijiet li jiftiehmu, soġġett għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli, fuq skedi ta' ħlas li jipprevedu l-ħlas bin-nifs. F'każijiet ta' dan it-tip, fejn kwalunkwe wieħed mill-ħlasijiet bin-nifs ma jitħallasx sad-data miftehma, l-imgħax u l-kumpens previsti f'din id-Direttiva għandhom jiġu kkalkulati biss fuq il-bażi tal-ammonti li jkunu għadhom ma tħallsux.

*Artikolu 6*

**Kumpens għall-ispejjeż ta' rkupru**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn l-imgħax għal ħlas tard isir dovut fi transazzjonijiet kummerċjali b'mod konformi mal-Artikolu 3 jew 4, il-kreditur huwa intitolat li jikseb mingħand id-debitur, bħala minimu, somma stabbilita ta' EUR 40.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-somma stabbilita msemmija fil-paragrafu 1 tkun dovuta mingħajr il-ħtieġa ta' tfakkira u bħala kumpens għall-ispejjeż ta' rkupru tal-kreditur stess.

3. Il-kreditur, apparti s-somma stabbilita msemmija fil-paragrafu 1, għandu jkun intitolat li jikseb kumpens raġonevoli mid-debitur għal kwalunkwe spejjeż ta' rkupru li jaqbżu dik is-somma stabbilita u mġarrba minħabba l-ħlas tard tad-debitur. Dawn jistgħu jinkludu l-ispejjeż imġarrba, fost l-oħrajn, biex jitqabbdu avukat jew aġenzija tal-ġbir tad-djun.

*Artikolu 7*

**Kondizzjonijiet u prassi kuntrattwali inġusti**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li kondizzjoni jew prassi kuntrattwali relatata mad-data jew mal-perjodu tal-ħlas, ir-rata ta' mgħax għall-ħlas tard jew il-kumpens għall-ispejjeż ta' rkupru jkun jew mhux infurzabbli jew ikun jagħti lok għal talba għad-danni jekk ikun inġust għall-aħħar għall-kreditur.

Biex jiġi stabbilit jekk kondizzjoni jew prassi kuntrattwali jkunu inġusti għall-aħħar għall-kreditur, fit-tifsira tal-ewwel subparagrafu, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi:

(a) kull devjazzjoni kbira minn prassi kummerċjali tajba, li tmur kontra l-bona fide u n-negozjar ġust;

(b) in-natura tal-prodott jew tas-servizz; u

(c) jekk id-debitur kellux xi raġuni oġġettiva li jiddevja mir-rata ta' mgħax statutorja għall-ħlas tard, mill-perjodu ta' ħlas kif imsemmi fl-Artikolu 3(5), il-punt (a) tal-Artikolu 4(3), l-Artikolu 4(4) u l-Artikolu 4(6) jew mis-somma fissa kif imsemmi fl-Artikolu 6(1).

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, kondizzjoni jew prassi kuntrattwali li teskludi mgħax għal ħlas tard għandha titqies bħala inġusta għall-aħħar.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, kondizzjoni jew prassi kuntrattwali li teskludi kumpens għall-ispejjeż ta' rkupru kif imsemmi fl-Artikolu 6 għandha titqies bħala inġusta għall-aħħar.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-interessi tal-kredituri u l-kompetituri, ikunu jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jipprevjenu l-użu kontinwu ta' kondizzjonijiet u prassi kuntrattwali li jkunu inġusti għall-aħħar fit-tifsira tal-paragrafu 1.

5. Il-mezzi li għalihom jirreferi l-paragrafu 4 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li bihom organizzazzjonijiet uffiċjalment rikonoxxuti bħala intrapriżi rappreżentanti jew organizzazzjonijiet li għandhom interess leġittimu fir-rappreżentanza ta' intrapriżi jistgħu jieħdu azzjoni skont il-liġi nazzjonali applikabbli quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi kompetenti amministrattivi fuq il-bażi li l-kondizzjonijiet jew il-prassi kuntrattwali, jkunu inġusti għall-aħħar fit-tifsira tal-paragrafu 1, biex ikunu jistgħu japplikaw mezzi adattati u effettivi għall-prevenzjoni tat-tkomplija tal-użu tagħhom.

*Artikolu 8*

**Trasparenza u għarfien**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw trasparenza sħiħa fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva, anke billi jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku r-rata ta' mgħax statutorja applikabbli għall-ħlas tard.

2. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed fuq l-Internet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku id-dettalji tar-rati ta' mgħax statutorji attwali li japplikaw fl-Istati Membri kollha fil-każ ta' ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali.

3. Fejn ikun xieraq, l-Istati Membri għandhom jużaw pubblikazzjonijiet professjonali, kampanji ta' promozzjoni jew kull mezz funzjonali ieħor biex l-intrapriżi jsiru jafu aktar dwar ir-rimedji għall-ħlas tard.

4. L-Istati Membri jistgħu jħeġġu l-istabbiliment ta' kodiċijiet ta' ħlas fil-ħin li jistipulaw limiti ta' żmien għall-ħlas definiti b'mod ċar u proċess xieraq biex jiġu ttrattati l-ħlasijiet li hemm tilwim dwarhom, jew kull inizjattiva oħra li tittratta l-kwestjoni kruċjali tal-ħlas tard u tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' kultura ta' ħlas fil-ħin li tkun ta' sostenn għall-objettiv ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 9*

**Ritenzjoni ta' titlu**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu, b'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli nazzjonali maħsuba mil-liġi privata internazzjonali, li l-bejjiegħ iżomm it-titlu għall-prodotti sakemm ikunu tħallsu kompletament jekk klawżola ta' ritenzjoni ta' titlu kienet espliċitament miftiehma bejn ix-xerrej u l-bejjiegħ qabel il-forniment tal-prodotti.

2. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet li jittrattaw il-ħlasijiet akkont diġà magħmula mid-debitur.

*Artikolu 10*

**Proċeduri ta' rkupru għal talbiet mhux kontestati**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li titlu infurzabbli jista' jinkiseb, anke permezz ta' proċedura mgħaġġla u irrispettivament mill-ammont tad-dejn, normalment fi żmien 90 jum kalendarju wara li tinbeda l-azzjoni jew l-applikazzjoni tal-kreditur quddiem il-qorti jew awtorità kompetenti oħra, sakemm id-dejn jew aspetti oħra tal-proċedura ma jkunux disputati. L-Istati Membri għandhom iwettqu dan id-dmir b'mod konformi mal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali rispettivi tagħhom.

2. Il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali għandhom japplikaw l-istess kondizzjonijiet għall-kredituri kollha li huma stabbiliti fl-Unjoni.

3. Meta jiġi kkalkulat il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, ma għandux jitqies dan li ġej:

(a) il-perjodi biex jiġu notifikati d-dokumenti;

(b) kull dewmien kawżat mill-kreditur, bħal perjodi użati għall-korrezzjoni tal-applikazzjonijiet.

4. Dan l-Artikolu għandu jkun bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1896/2006.

*Artikolu 11*

**Rapport**

Sas-16 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat bi kwalunkwe proposta xierqa.

*Artikolu 12*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikoli 1 sa 8 u 10 sas-16 ta' Marzu 2013. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li r-referenzi għad-Direttiva mħassra fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għandhom jinftehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva. Il-metodi kif issir tali referenza u l-formulazzjoni ta' tali dikjarazzjoni għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew iġibu fis-seħħ dispożizzjonijiet li jkunu aktar favorevoli għall-kreditur mid-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva.

4. Fit-traspożizzjoni tad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk jeskludux il-kuntratti konklużi qabel is-16 ta' Marzu 2013.

*Artikolu 13*

**Tħassir**

Id-Direttiva 2000/35/KE hija mħassra b'effett mis-16 ta' Marzu 2013, bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni tagħha fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tagħha. Madankollu, hija għandha tibqa' applikabbli għal kuntratti konklużi qabel dik id-data li għaliha ma tapplikax din id-Direttiva skont l-Artikolu 12(4).

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stipulata fl-Anness.

*Artikolu 14*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 15*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, is-16 ta' Frar 2011.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | MARTONYI J. |

*ANNESS*

**Tabella ta' Korrelazzjoni**

| Direttiva 2000/35/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| — | Artikolu 1(1) |
| Artikolu 1 | Artikolu 1(2) |
| Artikolu 2(1) l-ewwel sub-paragrafu | Artikolu 2(1) |
| Artikolu 2(1) it-tieni sub-paragrafu | Artikolu 2(2) |
| Artikolu 2(1) it-tielet subparagrafu | Artikolu 2(3) |
| Artikolu 2(2) | Artikolu 2(4) |
| — | Artikolu 2(5) |
| — | Artikolu 2(6) |
| — | Artikolu 2(7), parti introduttorja |
| — | Artikolu 2(8) |
| Artikolu 2(3) | Artikolu 2(9) |
| Artikolu 2(4) | Artikolu 2(7)(a) |
| Artikolu 2(5) | Artikolu 2(10) |
| Artikolu 3(1)(a) | Artikolu 3(3)(a) |
| Artikolu 3(1)(b), parti introduttorja | Artikolu 3(3)(b), parti introduttorja |
| Artikolu 3(1)(b)(i) | Artikolu 3(3)(b)(i) |
| Artikolu 3(1)(b)(ii) | Artikolu 3(3)(b)(ii) |
| Artikolu 3(1)(b)(iii) | Artikolu 3(3)(b)(iii) |
| Artikolu 3(1)(b)(iv) | Artikolu 3(3)(b)(iv) |
| — | Artikolu 3(4) |
| — | Artikolu 3(5) |
| Artikolu 3(1)(c) | Artikolu 3(1) |
| Artikolu 3(1)(d), l-ewwel u t-tielet sentenzi | — |
| Artikolu 3(1)(d), it-tieni sentenza | Artikolu 2(7)(b) |
| — | Artikolu 3(2) |
| — | Artikolu 4 |
| — | Artikolu 5 |
| — | Artikolu 6(1) |
| — | Artikolu 6(2) |
| Artikolu 3(1)(e) | Artikolu 6(3) |

| Direttiva 2000/35/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 3(2) | — |
| Artikolu 3(3) | Artikolu 7(1) |
| — | Artikolu 7(2) |
| — | Artikolu 7(3) |
| Artikolu 3(4) | Artikolu 7(4) |
| Artikolu 3(5) | Artikolu 7(5) |
| — | — |
| Artikolu 4 | Artikolu 9 |
| Artikolu 5(1), (2) u (3) | Artikolu 10(1), (2) u (3) |
| Artikolu 5(4) | — |
| — | Artikolu 10(4) |
| — | Artikolu 11 |
| Artikolu 6(1) | — |
| — | Artikolu 12(1) |
| Artikolu 6(2) | Artikolu 12(3) |
| Artikolu 6(3) | Artikolu 1(3) |
| Artikolu 6(4) | Artikolu 12(2) |
| Artikolu 6(5) | — |
| — | Artikolu 12(4) |
| — | Artikolu 13 |
| Artikolu 7 | Artikolu 14 |
| Artikolu 8 | Artikolu 15 |
| — | Anness |

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 165/2011

**tat-22 ta' Frar 2011**

**li jipprovdi għal tnaqqis minn ċerti kwoti tal-kavalli allokati lil Spanja għall-2011 u fis-snin sussegwenti minħabba s-sajd żejjed fl-2010**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 [1] , u b'mod partikulari l-Artikolu 105(1) u (2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwota tas-sajd għall-kavalli fiż-żona VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF 34.1.1 kienet allokata lil Spanja bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 53/2010 [2] għall-2010 u bir-Regolament (UE) Nru 57/2011 għall-2011 [3].

(2) Il-kwota tas-sajd għall-kavalli għall-2010 tnaqqset wara iskambji li saru minn Spanja ma' Franza u l-Portugall, skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd [tas-Sajd] [4].

(3) Il-Kummissjoni sabet li kien hemm inkonsistenzi fid-dejta Spanjola dwar is-sajd tal-kavalli fl-2010 billi għamlet kontroverifika ta' din id-dejta hekk kif din ġiet irreġistrata u rrapurtata fi stadji differenti fil-katina tal-valur mill-qbid sal-ewwel bejgħ. Dawn l-inkonsistenzi ġew ikkorroborati iktar permezz tat-twettiq ta' diversi verifiki, missjonijiet ta' verifika u spezzjonijiet fi Spanja skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009. L-evidenza miġbura matul l-investigazzjoni tippermetti lill-Kummissjoni tistabbilixxi li dan l-Istat Membru qabeż il-kwota tiegħu tal-kavalli fis-sena 2010 b'19 621 tunnellata.

(4) Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbilixxiet li Stat Membru jkun qabeż il-kwoti tas-sajd li kienu allokati lilu, il-Kummissjoni għandha tnaqqas il-kwoti tas-sajd tal-futur ta' dak l-Istat Membru.

(5) Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jgħid li t-tnaqqis mill-kwoti tas-sajd għandu jsir fis-sena jew fis-snin ta' wara billi jiġu applikati ċerti fatturi ta' multiplikazzjoni mogħtija f'dak il-paragrafu.

(6) It-tnaqqis li japplika għas-sajd żejjed fl-2010 huwa ogħla mill-kwota allokata lil Spanja għall-2011 għall-istokk ikkonċernat.

(7) L-istokk tal-kavalli inkwistjoni bħalissa jinsab f'limiti bijoloġiċi sikuri u l-parir xjentifiku jindika li x'aktarx jibqa' hekk fil-futur prevedibbli. L-applikazzjoni bis-sħiħ u minnufih tat-tnaqqis mill-kwoti tal-kavalli għal Spanja għall-2011 iwassal biex dan is-sajd jingħalaq kompletament għall-2011. Fiċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' dan il-każ, l-għeluq għalkollox x'aktarx se jinvolvi riskji serji ta' konsegwenzi soċjoekonomiċi sproporzjonati kemm fis-settur tas-sajd ikkonċernat kif ukoll fl-industrija tal-ipproċessar assoċjata miegħu. Biex wieħed iżomm bilanċ u b'kunsiderazzjoni tal-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd, huwa meqjus li jkun xieraq li f'dan il-każ partikolari, it-tnaqqis meħtieġ biex ipatti għall-ammont ta' sajd żejjed, isir fuq perjodu ta' 5 snin, mill-2011 sal-2015 u, jekk ikun meħtieġ, li l-bqija tat-tnaqqis isir mill-kwota tal-kavalli allokati fis-snin li jiġu eżatt wara.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-kwota tas-sajd għall-kavalli (*Scomber scombrus*) fiż-żona VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF 34.1.1 li kienu allokati lil Spanja bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 fl-2011 għandha titnaqqas kif jidher fl-Anness.

---

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
[2] ĠU L 21, 26.1.2010, p. 1.
[3] ĠU L 24, 27.1.2011, p. 1.
[4] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

*Artikolu 2*

Il-kwota tas-sajd għall-kavalli (*Scomber scombrus*) fiż-żona VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF 34.1.1 li tista' tiġi allokata lil Spanja fis-snin bejn l-2012 u l-2015 u, fejn xieraq, il-kwota tas-sajd għall-istess stokk li tista' tiġi allokaat lil Spanja fis-snin sussegwenti għandha titnaqqas kif jidher fl-Anness.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2011.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS*

| Stokk | Kwota Inizjali għall-2010 | Kwota adattata għall-2010 | Qabdiet stabbiliti għall-2010 | Differenza fil-kwota tal-qabdiet (sajd żejjed) | Fattur ta' multiplikazzjoni tal-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 (sajd żejjed * 2) | Tnaqqis għall-2011 | Tnaqqis għall-2012 | Tnaqqis għall-2013 | Tnaqqis għall-2014 | Tnaqqis għall-2015 u, fejn japplika, għas-snin sussegwenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| MAC/8C3411 | 27 919 | 24 604 | 44 225 | – 19 621 (79,7 % tal-kwota għall-2010) | – 39 242 | 4 500 | 5 500 | 9 748 | 9 747 | 9 747 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 166/2011

## tat-22 ta' Frar 2011

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Frar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 122,2 |
| | MA | 69,8 |
| | TN | 117,7 |
| | TR | 100,7 |
| | ZZ | 102,6 |
| 0707 00 05 | JO | 204,2 |
| | MK | 140,7 |
| | TR | 161,8 |
| | ZZ | 168,9 |
| 0709 90 70 | MA | 41,8 |
| | TR | 81,9 |
| | ZZ | 61,9 |
| 0805 10 20 | EG | 59,5 |
| | IL | 78,1 |
| | MA | 56,7 |
| | TN | 42,2 |
| | TR | 68,9 |
| | ZZ | 61,1 |
| 0805 20 10 | IL | 152,5 |
| | MA | 92,6 |
| | US | 107,8 |
| | ZZ | 117,6 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 70,2 |
| | IL | 119,3 |
| | JM | 73,5 |
| | MA | 113,5 |
| | PK | 34,8 |
| | TR | 55,0 |
| | ZZ | 77,7 |
| 0805 50 10 | EG | 68,7 |
| | MA | 46,8 |
| | TR | 55,8 |
| | ZZ | 57,1 |
| 0808 10 80 | CA | 91,7 |
| | CM | 53,6 |
| | CN | 105,4 |
| | MK | 50,2 |
| | US | 127,3 |
| | ZZ | 85,6 |
| 0808 20 50 | AR | 111,4 |
| | CL | 102,8 |
| | CN | 58,9 |
| | US | 116,0 |
| | ZA | 102,6 |
| | ZZ | 98,3 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-21 ta' Frar 2011**

**li tistabbilixxi l-miri ta' prestazzjoni u l-limiti ta' twissija għall-Unjoni Ewropea kollha għall-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru mill-2012 sal-2014**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/121/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 691/2010 tad-29 ta' Lulju 2010 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u għall-funzjonijiet tan-netwerk u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2096/2005 li jistabbilixxi rekwiżiti komuni għall-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru ([2]) jipprovdi għall-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea kollha.

(2) Fis-27 ta' Mejju 2010 il-Kummissjoni għamlet konsultazzjoni dwar l-approċċ u l-proċessi għall-istabbiliment tal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea kollha, u assoċjat flimkien il-partijiet interessati kollha elenkati fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004.

(3) Fid-29 ta' Lulju 2010 il-Kummissjoni nnominat Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 691/2010 biex jassistiha fl-implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni.

(4) Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni ħejja proposti għall-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea kollha b'kollaborazzjoni mal-EASA, li fit-2 ta' Awwissu 2010 ġew ippreżentati lill-partijiet interessati għall-konsultazzjoni kif rikjest mill-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 691/2010.

(5) Il-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea kollha għall-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza u li kienu proposti mill-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni ġew ivverifikati mal-EASA għall-konsistenza mal-objettivi dominanti ta' sikurezza.

(6) Fis-27 ta' Settembru 2010 il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni wassal lill-Kummissjoni r-Rakkomandazzjonijiet tiegħu għall-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea kollha għall-perjodu 2012-2014 f'rapport li jissustanza kull rakkomandazzjoni bi spjegazzjoni tas-suppożizzjonijiet u r-raġunijiet li ntużaw għall-istabbiliment tal-miri u li fl-annessi fih dokument ta' konsultazzjoni li jiġbor fil-qosor il-proċess tal-konsultazzjoni kif ukoll dokument ta' kummenti ta' reazzjoni li jispjega kif tqiesu l-kummenti fit-tħejjija tar-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni.

(7) Il-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea kollha huma bbażati fuq l-informazzjoni li kienet disponibbli għall-Kummissjoni u l-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni sal-24 ta' Novembru 2010. Skont il-previżjonijiet li ngħataw lill-Kummissjoni u lill-Eurokontroll mill-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1794/2006 ([3]) ir-rata ta' unità medja ddeterminata għall-Unjoni Ewropea kollha għal servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route hija ta' EUR 55,91 fl-2014 (espressa f'termini reali, f'EUR fl-2009), b'valuri annwali intermedji ta' EUR 58,38 fl-2012 u EUR 56,95 fl-2013. Dawn il-valuri jikkunsidraw l-aktar kosti riċenti ppjanati tal-Aġenzija tal-Ewrokontroll, li jinkludu tnaqqis ta' darba biss għall-Istati Membri tal-UE ta' EUR 0,69 għal kull unità ta' servizz en route fl-2011. Il-Kummissjoni, meta tikkunsidra r-rapport tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni u t-titjib fl-effiċjenza li tista' tiġi mistennija mill-implimentazzjoni gradwali u kkoordinata tal-elementi kollha tat-tieni pakkett tal-Ajru Uniku Ewropew, hija tal-opinjoni li l-mira tal-kostefficjenza għall-Unjoni Ewropea kollha tista' tiġi stabbilita f'livell aktar baxx mill-aktar pjanijiet riċenti kkonsolidati mill-Istati Membri.

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 201, 3.8.2010, p. 1.
([3]) ĠU L 341, 7.12.2006, p. 3.

(8) Il-Pjan Regolatorju Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru, dokument ħaj li hu magħmul minn pjan ta' azzjoni miftiehem b'mod komuni li jkopri kemm l-iżvilupp kif ukoll l-adozzjoni ta' SESAR, ġie awtorizzat mill-Kunsill fit-30 ta' Marzu 2009 ([1]). Fih hemm il-viżjoni politika u l-għan ta' livell għoli tal-Kummissjoni għall-Ajru Uniku Ewropew u l-pilastru teknoloġiku tiegħu fl-oqsma ta' prestazzjoni ewlenin li huma s-sikurezza, l-ambjent, il-kapaċità u l-kosteffiċjenza, u l-istabbiliment tal-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea kollha għandhom jiġu kkunsidrati parti minn proċess li jimmira li jinkisbu dawn l-objettivi.

(9) Matul l-ewwel perjodu ta' referenza għall-iskema ta' prestazzjoni l-Kummissjoni, b'konsulenza mal-EASA, għandha tivvaluta u tivvalida l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tas-sikurezza, biex ikun żgurat li r-riskju għas-sikurezza jiġi identifikat, mitigat u ġestit b'mod xieraq. L-Istati Membri għandhom iwettqu monitoraġġ u għandhom jippubblikaw dawn l-indikaturi ewlenin ta' prestazzjoni u jistgħu jistabbilixxu miri korrispondenti.

(10) Fl-applikazzjoni tal-premessa 18, l-Artikoli 10 u 13, l-Anness II, il-punt 1.2 u l-Anness III, il-punt 1 tar-Regolament (UE) Nru 691/2010, il-miri ta' prestazzjoni tal-blokka tal-ispazju tal-ajru nazzjonali jew funzjonali ma għandhomx għalfejn ikunu ugwali għall-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea kollha. għandhom ikunu konsistenti ma' dawn il-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea kollha. Il-pjanijiet ta' prestazzjoni tal-blokka tal-ispazju tal-ajru nazzjonali jew funzjonali għandhom jirriflettu din il-konsistenza.

(11) Il-valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni tal-pjanijiet u l-miri tal-prestazzjoni tal-blokki tal-ispazju tal-ajru nazzjonali jew funzjonali għandha tkun globali, u tqabbel kull mira mal-oħrajn b'mod bilanċjat, u jiġu kkunsidrati l-kompromessi ġustifikati bejn oqsma ta' prestazzjoni differenti, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-objettivi dominanti ta' sikurezza. Għandha tikkunsidra l-kuntest lokali, partikolarment għall-Istati b'rati baxxi ta' unitajiet jew li jaqgħu taħt il-'Mekkaniżmu Ewropew tal-Appoġġ', bħal miżuri li ttieħdu diġà għat-tnaqqis tal-kostijiet, kostijiet ppjanati għal programmi speċifiċi biex isir titjib fil-prestazzjoni f'oqsma ta' prestazzjoni ddedikati, u l-karatteristiċi speċifiċi li jinkludu kisbiet kif ukoll nuqqasijiet. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 691/2010, għandha tikkunsidra b'mod xieraq l-evoluzzjoni tal-kuntest li tista' tkun seħħet bejn id-data tal-adozzjoni tal-miri għall-Unjoni Ewropea kollha u d-data tal-validazzjoni. Il-valutazzjoni għandha tikkunsidra wkoll il-progress li sar diġà minn Stati Membri mill-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1070/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) f'diversi oqsma ewlenin ta' prestazzjoni u partikolarment fil-qasam tal-kosteffiċjenza;

(12) Fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1794/2006, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jitrasferixxu minn sena għal oħra l-profitti jew it-telf li jkunu ġarrbu sas-sena 2011 inkluża;

(13) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar Ajru Uniku.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Il-miri ta' prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea kollha**

Għall-perjodu ta' referenza għall-prestazzjoni li jibda' fl-1 ta' Jannar 2012 u jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2014, il-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni Ewropea kollha għandhom ikunu kif ġej:

(a) Mira tal-ambjent: titjib b'0.75 punti perċentwali tal-indikatur tal-medja tal-effiċjenza ta' titjira en route orizzontali fl-2014 meta mqabbel mas-sitwazzjoni fl-2009.

(b) Mira tal-kapaċità: titjib fil-medja tad-dewmien minħabba l-Ġestjoni tal-Fluss tat-Traffiku tal-Ajru (ATFM) en route sabiex jintlaħaq il-massimu ta' 0,5 ta' minuta għal kull titjira fl-2014.

(c) Mira tal-kosteffiċjenza: tnaqqis fir-rata ta' unità medja ddeterminata għall-Unjoni Ewropea kollha għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route minn EUR 59,97 fl-2011 għall-EUR 53,92 fl-2014 (espressa f'termini reali, f'EUR fl-2009), b'valuri annwali intermedji ta' EUR 57,88 fl-2012 u EUR 55,87 fl-2013.

*Artikolu 2*

**Limitu ta' twissija**

(1) Għall-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni kollha applikabbli għall-perjodu ta' referenza għall-prestazzjoni, il-limitu ta' twissija li jekk jinqabeż jista' jiġi attivat il-mekkaniżmu ta' twissija msemmi fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 691/2010 għandu jkun varjazzjoni fuq sena kalendarja ta' mhux inqas minn 10 % tat-traffiku reali rreġistrat mill-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni meta mqabbel mal-previżjonijiet tat-traffiku msemmija fl-Artikolu 3.

(2) Għall-indikatur tal-kosteffiċjenza, il-limitu għat-twissija tal-evoluzzjoni tal-kostijiet li jekk jinqabeż jista' jiġi attivat il-mekkaniżmu ta' twissija msemmi fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 691/2010 għandu jkun varjazzjoni fuq sena kalendarja ta' mhux inqas minn 10 % tal-kostijiet attwali fil-livell tal-Unjoni Ewropea kollha rreġistrati mill-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni meta mqabbel mal-kostijiet ddeterminati ta' referenza msemmija fl-Artikolu 3.

*Artikolu 3*

**Suppożizzjonijiet**

L-Artikolu 1 u 2 ta' din id-Deċiżjoni huma bbażati fuq is-suppożizzjonijiet li ġejjin:

(1) il-previżjonijiet tat-traffiku fil-livell tal-Unjoni Ewropea kollha, espressi f'unitajiet ta' servizz en route: 108 776 000 fl-2012, 111 605 000 fl-2013 u 114 610 000 fl-2014.

(2) Il-kostijiet iddeterminati ta' referenza previsti fil-livell tal-Unjoni Ewropea kollha (espressi f'termini reali, f'EUR fl-2009): 6 296 000 000 fl-2012, 6 234 000 000 fl-2013 u 6 179 000 000 fl-2014.

---
([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/320/KE (ĠU L 95, 9.4.2009, p. 41).
([2]) ĠU L 300, 14.11.2009, p. 34.

*Artikolu 4*

**Reviżjoni tal-miri għall-Unjoni Ewropea kollha**

Skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 691/2010, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li tirrevedi l-miri għall-UE kollha stabbiliti fl-Artikolu 1 jekk, qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza, jkollha evidenza sostanzjali li d-dejta inizjali, is-suppożizzjonijiet u/jew ir-raġunijiet użati għall-istabbiliment tal-miri inizjali għall-UE kollha ma għadhomx validi.

*Artikolu 5*

**Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-pjanijiet ta' prestazzjoni tal-blokki tal-ispazju tal-ajru nazzjonali jew funzjonali adottati wara l-1 ta' Jannar 2012 għandhom japplikaw retroattivament mill-ewwel jum tal-perjodu ta' referenza.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Frar 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT